# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g


Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

It-Tmien Leġiżlatura

Laqgħa Numru 3/2023

27 ta' Frar, 2023

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fis-4:00 pm.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Sindku |
| Francis Callus | Viċi Sindku |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |
| Publio Abdilla | Kunsillier |
| Mark Cocker | Kunsillier |

Uffiċċjal Preżenti:

Doris Baldacchino: Segretarju Eżekuttiv

**3.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji. Il-Kunsilliera Joanna Abdilla avżat li kienet ser tidħol għal-laqgħa ftit tard. Hija ġiet skużata.

**3.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti u tal-Laqgħa b'urġenza. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

3.1.1 Is-Sindku qal li ref punt 1.1.1 (tqassim li sar tad-distretti tal-Pulizija) kienu ġew diskuss waqt il-laqgħa tar-Reġjun, kien hemm qbil li r-Reġjun jikteb f'isem it-tlett Kunsilli u għandna naraw x'ser jiġri.

3.1.2 Is-Sindku qal li l-għada tal-laqgħa kien ser ikollu laqgħa mas-Superetendent tal-Pulizija u kien qed jaħseb li forsi jista' jkun hemm l-ispettur tal-*Community Police*. Huwa qal lill-Kunsill li wara din il-laqgħa kien qed jittama li jkollu aktar informazzjoni x'jgħaddi lill-Kunsilliera.

3.1.3 Is-Sindku kkonferma li ref punt 1.1.3 (impjieg contracts manager) kien beda minn Jannar 2023 u li kien ser jippreżenta rapport lill-Kunsill tax-xogħolijiet li jkunu saru kull tlett xhur.

3.1.4 Is-Sindku qal li ref punt 1.1.2 (culverts) il-Kunsill kien irċieva risposta li kien qed joqrob iż-żmien biex jibdew ix-xogħolijiet tal-culverts. Is-Sindku kkonferma li x-xogħolijiet kienu ser isiru minn *Infrastructure Malta* stess, u li kienu ser jibdew minn Triq in-Nassaba.

3.1.5 Is-Sindku kkonferma li ref punt 1.1.4 (restaw tan-niċeċ) il-kuntrattur diġa' kien kważi lesta tlett niċeċ u għalhekk kien imminenti li jkompli bir-restawr ta' tlett niċeċ li fadal.

3.1.6 Is-Sindku qal li ref punt 1.8 (traffic management) il-Kunsill kien tefa' l-applikazzjoni sabiex it-toroq imsemmija jsiru one way u l-ewwel parti (int u dieħel minn Triq Santa Marija) ta' Triq Dun Ġużepp Caruana tingħalaq kompletament għat-traffiku u li l-Kunsill kien qed jistenna risposta minn *Transport Malta*.

3.1.7 Is-Sindku qal li ref punt 1.2.2 kien ser jagħti update bl-informazzjoni kollha fis-sezzjoni Komunikazzjoni tas-Sindku.

Il-Kunsilliera Joanna Abdillal daħlet għal laqgħa 16:24

**3.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

3.2.1 Is-Sindku qal li kien attenda għal *information session* li organizzaw *Projects Green* minħabba l-ewwel skema li kienet ħarġet. Is-Sindku spjega li l-għada tal-laqgħa kienu jagħlqu l-applikazzjonijiet għal din is-sejħa u li l-Kunsill kien ser jitfa' l-applikazzjoni sabiex isir il-proġett tal-Pjazza. Is-Sindku spjega li kontrarju għal li konna nfurmati qabel

il-Kunsill ser ikollu jerfa' l-ispejjeż tal-Perit għal din l-iskema. Il-Kunsill iddiskuta numru ta' kriterji li kien hemm abbinat ma din l-iskema.

3.2.2 Is-Sindku qal li fl-1 ta' Frar kien attenda laqgħa minħabba d-*dog park*. Huwa spjega li l-ħajt li kien waqa' kienu lesti li jtellgħuh huma bi spejjeż tagħhom u kompla jagħti update ta' dan il-proġett.

3.2.3 Is-Sindku qal li fl-1 ta' Frar kien attenda laqgħa minħabba r-rotta tat-trasport pubbliku. Is-Sindku qal li *Transport Malta* kienu qed jaqblu li t-trasport ma jgħaddix minn Triq l-Iskola. Is-Sindku qal waqt il-laqgħa *Transport Malta* kienu ssuġġerixxew żewġ proposti:

Li 117 u 73 biss jgħaddu minn naħa tal-Ġnien Dun Karm Vella. Is-Sindku spjega li din ir-rotta xorta nkunu qed nżidu fil-kilometraġġ għalhekk biex nikkumpensaw għalih *Transport Malta* kienu qed jissuġġerixxu:

Li 71 u 218 jibdew jgħaddu minn Triq il-Kuċċard biss u ma jibqgħux jgħaddu mill-pjazza.

Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien għadu ma rċieva xejn bil-miktub b'dawn iż-żewġ proposti.

3.2.4 Is-Sindku qal li l-Erbgħa 8 ta' Frar, 2023 kien attenda laqgħa minħabba l-proġett ta' Ambjent Malta fl-iskola primarja ta' Ħal Safi. Huwa qal li preżenti għal din il-laqgħa kien hemm persuna minn Ambjent Malta, l-Kuntrattur li ħawwel is-siġar u arbuxelli kif ukoll rapreżentant mill-iskola primarja. Is-Sindku spjega li Ambjent Malta kienu qed jitolbu li tinbidel tip ta' siġra u hekk kif isir dan u jeħlu t-tabelli informattivi l-proġett ikun magħluq. Is-Sindku qal li f'April ser issir l-inawgurazzjoni ta' dan il-proġett mill-Ministru tal-Ambjent. Id-data tal-inawgurazzjoni ghandha tinghata mill-Ministeru tal-Ambjent iktar tard.

3.2.5 Is-Sindku spjega li fl-14 ta' Frar il-Kunsill kellu laqgħa mal-aġenzija LESA sabiex jiġi identifikat fejn l-aħjar jeħlu l-kameras fil-pjazza u quddiem il-Convenience Shop. Is-Sindku spjega li l-kamera tal-pjazza kienet ser issir man-naħa tas-sorijiet u li konna ser nieħdu d-dawl għall-istess kamera mingħand is-sorijiet, filwaqt li l-camera ta' Triq iz-Zurrieq ghandha tehel fuq arblu faccata tal-Convenience Shop u se tkun qed tahdem bis-solar paenls.

3.2.6 Is-Sindku qal li, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, nhar il-Ħamis 23 ta' Frar 2023 kien attenda għal laqgħa minħabba l-kuntratt tal-ġbir tal-iskart. Is-Sindku spjega li minn April il-Kunsill ser jitnaqqaslu 70% mill-allokazzjoni li l-Kunsill għandu allokati għal ġbir tal-

iskart li ser jgħaddu biex ir-Reġjun ikun jista' jħallas il-parti tal-kont tal-borża l-bajda (dawn jigu refunded lura mir-Regjun meta jircievi l-hlas minn naha tal-Wasteserve), filwaqt li l-Kunsill kien ser jibqa' jħallas il-kont relatat mal-ġbir tal-borża s-sewda.

Is-Sindku spjega li għal issa l-kont kien ser ikun ibbażat fuq kull household iżda 'l quddiem għandu jibda jkun ibbażat bl-użin.

3.2.7 Is-Sindku għarraf li mix-xahar id-dieħel il-Kunsill kien ser ikollu ħaddiem ġdid taħt l-iskema tal-CWSEF.

3.2.8 Is-Sindku għarraf li għandu jibda r-reinstatment tat-toroq bit-tarmak tax-xogħol li kien sar mill-Enemalta. Is-Sindku spjega li x-xogħolijiet kienu ser jibdew minn Triq in-Nassaba għal Triq l-Iskola.

3.2.9 Is-Sindku spjega li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kien iltaqa' mal-Kunsill taż-Żurrieq minħabba l-proġett li kien ser isir mill-Kunsill taż-Żurrieq ħdejn il-mitħna tax-Xarolla. Is-Sindku qal li bħala Kunsill konna tlabna konferma bil-miktub li x-xogħol li kien ser isir fiz-zona li hemm nuqqas ta' qbil ma' liema Kunsill taqa' li x-xogħol ser isir sempliċiment biex il-proġett ikun sħiħ u mhux ser ikun hemm l-ebda pretensjoni jew dritt fuq dik iz-zona partikolari li tagħmel parti mill-konfini ta' Ħal Safi, kemm minn naħa tal-Kunsill ta' Ħal Safi kif ukoll mill-Kunsill taż-Żurrieq. Il-Kunsill qabel li tinghata l-approvazzjoni biex il-Kunsill taz-Zurrieq iwettaq ix-xoghol f'din iz-zona wara li jkun hemm ftehim bil-miktub u maqbul bejn iz-zewg kunsilli.

3.2.10 Is-Sindku spjega lill-Kunsill li kien irċieva stedina mill-Kappillan għal Assemblea Parrokkjali flimkien mall-ghaqdiet tar-rahal u kummissjonijiet parrokkjali. Is-Sindku spjega li kien għadda suġġeriment li l-Kunsill ikollu rapreżentant li jkun jista' jattendi għal laqgħat tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali u mbagħad il-Kunsill jagħti ħin qasir waqt il-laqgħa tal-Kunsill sabiex minn naħa tal-Knisja jattendi rapreżentant. Is-Sindku spjega li l-Kappillan kienet ghogbitu l-idea' pero' kellu jiccekkja minn naħa tal-Kurja.

3.2.11 Is-Sindku qal li minn naħa tal-iskola primarja kienu reġgħu talbu li l-Kunsill iħallas l-fee tal-membership tal-Eko Skola. Il-Kunsill approva tali ħlas.

3.2.12 Is-Sindku qal li nhar il-Ġimgħa 17 ta' Marzu 2023 il-Kunsill irċieva stedina sabiex jattendi għal prize day tal-iskola Primarja ta' Ħal Safi. Huwa ssuġġerixxa li bħal snin oħra l-Kunsill jixtri ktieb biex jingħata bħala rigal lil wieħed mill-istudenti. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.2.13 Is-Sindku qal li kien irċieva lment li xi xufiera ma kinux qed jipparkjaw fil-*parking bays* sewwa. Huwa ssuġġerixxa li l-Kunsill iwaħħal tabelli l-parkeġġ għandu jsir sewwa fil-kaxxi bojod. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għal issa nixtru sitt tabelli imbagħad naraw fejn ikun jinħtieġ li nżidu l-istess tabelli.

3.2.14 Is-Sindku ssuġġerixxa li bħal ħafna kunsilli, il-Kunsill ikollu podium bl-arma tal-Kunsill sabiex jintuża meta jkollna xi attivita'. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna nordnaw wieħed bl-arma tal-Kunsill ta' Ħal Safi.

3.3 Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

3.3.1 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li b'kollaborazzjoni mal-Parroċċa kienet se tiġi organizzata l-mixja sas-salib tal-għolja fis-27 ta' Marzu. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-Kunsill jħallas it-trasport għal din l-attivita'.

3.3.2 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li fil-viċin kienet ser issir il-mixja ta' Puttinu f'Ħamis ix-Xirka fis-6 t'April. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jħallas it-trasport ukoll.

3.3.3 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet jekk kienx hemm xi żviluppi rigward ix-xogħolijiet li kienu bdew fiċ-Ċentru Parrokkjali. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li dan ma kienx xogħol li kien qed isir minn naħa tal-Kunsill u li seta' jagħmel biss pressjoni biex jitkomplew.

3.3.4 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li kienet qed taħseb fuq ġurnata meta jkun l-aħjar li norganizzaw xi logħob għat tfal. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nipruvaw nabbinawha ma Jum Ħal Safi.

3.3.5 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal li kien attenda għal laqgħa ma' *Transport Malta*. Huwa qal li minn *Slow Street* kienet ħarget l-inizjattiva sabiex isir *Consortium* għal *Urban Mobility*. Il-Kunsill iddiskuta.

3.3.5 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal li l-Kunsill kellu laqgħat ma' diversi Ministri u xtaq ikun jaf meta kienu ser jitwettqu l-proġetti li kienu wegħduna.

3.3.6 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker issuġġerixxa li l-Kunsill jirranġa l-isqaqien kollha li għandna fir-raħal.

## 3.4 Jum Ħal Safi

3.4.1 Premju Onorifiċenza

Il-Kunsill iddiskuta s-Serata tas-Sibt 15 ta' April, meta ser jingħata l-Premju għal Ġieħ Ħal Safi. Il-Kunsill qabel li ġej:

Il-Kunsill jistieden lis-Sur Brian Buġeja sabiex janima is-serata b'mużika fuq il-pjanu, waqt li nistiednu s-Sur William Grech jaqra xi siltiet ta' poeżiji miktuba minnu stess.

Il-Membri tal-Bord għal Premju:

| | |
|---|---|
| Tarcisio Barbara bħala Chairperson | Alfred Curmi |
| Edwin Abdilla | William Grech |
| Paul Callus | Jimmy Busuttil |
| Eddie Bonello | Gillian Bonello |
| Angela Zammit | Pauline Zammit |
| | Marvic Sciberras |

Waqt is-Serata fejn jingħata l-Premju Onorifiċenza l-Kunsill qabel li jingħataw dawn ir-rikonoxximenti.

- Giannella Camilleri Busuttil
- Rita Portelli

Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-ħin tal-quddiesa ta' radd il-Ħajr tal-Ħadd nikkonsultaw mal-Kappillan sabiex naraw x'ħin ser tkun iċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa.

Il-Kunsill qabel ukoll li bħala *compére* nerġgħu nqabbdu lil Ms Claire Zammit.

## 3.5 Żurrieq Joint Committee Account

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet attendiet għal laqgħa organizzata mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali minħabba kont tal-bank taż-*Żurrieq Joint Committee Account*. Is-Segretarju spjegat li dan il-kont kien ġie ffriżat mill-bank u d-Dipartiment kienu qed jgħinu sabiex jintlaħaq kompromess u jinqasmu l-fondi li hemm f'dan il-kont bejn il-Kunsilli li kienu jiffurmaw il-*Joint Committee* taż-Żurrieq. Hija qalet li waqt l-istess laqgħa, l-kunsilli qablu unanimament li l-fondi jinqasmu ugwalment bejn il-Kunsilli kollha u d-Dipartiment kien ħejja riżoluzzjoni sabiex kulħadd iressaq għal approvazzjoni din ir-riżoluzzjoni fil-laqgħa tal-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta u qabel unanimament ma din ir-riżoluzzjoni cioe' li l-fondi ta' €43,000 (tlieta u erbgħin elf Euro) jinqasmu bejn il-Kunsill kollha indaqs.

**3.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

Il-pagamenti kollha ġew diskussi u approvati unanimament.

**3.7 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fil-7.50pm. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar il-Ħamis 23 ta' Marzu, 2023 fil-5:00pm.

Johan Mula
Sindku

Doris Baldacchino
Segretarju Eżekuttiv